# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2002

## Avviz numru : 76/2001GT(GM)

**V.J. Salamone (Trading) Limited**

**vs**

**Ispizjar Donatello Pisani**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa.**

**Illi l-konvenut xtara minghandha diversi oggetti ghal Pisani Pharmacy.**

**Illi ghadu dovut mill-konvenut bilanc ta' tlett mitt lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm300.42) rapprezentanti hlas ta' oggetti kif jirrizulta minn statement hawn anness.**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan il-bilanc.**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-18 ta' Frar 2002 izda la pprezenta risposta u l-anqas dehr fis-seduti mizmuma minn dan it-Tribunal;**

**Sema d-deposizzjoni guramentata ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta' attrici li kkonferma li s-sorte thallset lilu izda fadal l-imghax u l-ispejjez;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta' tlett mitt lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm300.42), bl-imghax legali fuq din is-somma mid-data tal-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv kif ukoll flimkien mal-ispejjez tal-istanti procedura inkluz id-dritt tal-avukat tas-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**